MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Numru 1038/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Nazzareno Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nazzareno Buhagiar ta' 35 sena, bin Joseph u Vincenza nee' Baldacchino, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru 1970 u joqghod 'Freddy Helly' Flat 2, Triq Notabile Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 442470(M) gie akkuzat:

Talli fl-4 ta' Gunju 2006 u fil-Belt Valletta xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq, u cioe' numru ta' DVDs ikkupjati, ai termini ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Gie akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati datati 10.12.2003, 29.03.2004 u 25.11.2004 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MC 1 u nnutat li l-imputat Nazzareno Buhagiar m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tal-lum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innuntat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika maghmula ai termini tal-artikolu 533

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjara li f’din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu, u konsegwentement talab li l-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1)(f), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Nazzareno Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont minimu tal-oggetti involuti, tikkundannah ghall-piena komplessiva ta’ tmien mija u hmistax Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (Ewro 815.28) multa ekwivalenti ghal tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm350).

Inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika li tirrigwarda l-applikazzjoni ta’ l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ l-imputat, fid-dawl ta’ dak dikjarat hu mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija talba a tenur ta’ l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u riportat aktar qabel f’ din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija talba li tirrigwarda l-applikazzjoni tal-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------